MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Talba Numru. 129/2013

**Elmein Limited [C-17341]**

**Vs**

**Paparukei Catering Limited [C-8325] u b'digriet tas-7 ta' Mejju, 2013 giet kjamata in kawza s-socjeta Paparukei II Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-7 ta' Marzu, 2013** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf erba' mija sitta u sebghin euro [€1,476] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-socjeta attriċi qed titlob is-somma ta' elf erbgha mija sitta u sebghin euro (€1,476) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi rezi u b'digriet datat 27 ta' Settembru, 2013 gie awtorizzat li jizdiedu l-kliem u inverter mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa ma thallasx in konnessjoni ma' passenger lift ġewwa l-fond fi Triq tal-Handaq, Qormi. Minkejja li ġiet interpellata thallas diversi drabi s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti.

Qed jintalab ukoll l-imghax legali dekorribbli mid-data tal-fattura indikata fuq il-prospett anness u mmarkat bhala Dok A sad-data tal-effettiv pagament, bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta ngunta in subizzjoni”.

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata Paparukei Catering Limited** minnha mressqa fil-21 ta’ Marzu, 2013 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“1. Illi l-esponenti mhux il-legittimu kontradittur u l-ftehim sehh ma’ soċjetà ohra kif ser jirrizulta;

2. It-talbiet ghandhom jiġu michuda stante li l-lift mertu tal-bejgh kien difettuż;

3. Sal eċċezzjonijiet ulterjuri.

4. Bl-ispejjez”.

Ra d-digriet tat-Tribunal datat 7 ta’ Mejju, 2013 fejn ġie ordnat li tiġi kjamata fil-kawza s-socjeta Paparukei II Limited.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta kjamata fil-kawza Paparukei II Limited fil-11 ta’ Gunju, 2013 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

1. Illi s-socjeta eccipjenti kjamata fil-kawza qed taghmel taghha l-eccezzjonijiet gia presentati mis-socjeta konvenuta l-ohra u cioe s-socjeta Paparukei Catering Limited.

2. Bl-ispejjez

Ra l-ahhar verbal tat-13 ta’ Frar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand is-socjeta intimata tas-somma ta’ €1,476 liema ammont jirrappreżenta l-bilanc ta’ prezz ta’ servizzi rezi u *inverter* mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta intimata. Da parti taghha, s-socjeta intimata stqarret li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur u li l-ftehim sehh ma soċjetà ohra. Oltre dan, hija qalet li t-talbiet ghandhom jiġu michuda stante li l-*lift* mertu tal-bejgh kien difettuż. Is-socjeta kjamata fil-kawza ghamlet taghha l-eccezzjonijiet mressqa mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra;

2. **Keith Azzopardi**, direttur tas-socjeta Paparukei Catering Limited iddikjara fis-seduta ta’ l-10 ta’ April, 2013 li l-*passenger lift* in kwistjoni inxtara minn soċjetà ohra bl-isem ta’ Paparukei II Limited.

3. **Joseph Muscat**, direttur fis-socjeta rikorrenti xehed bil-procedura ta’ l-affidavit. Huwa qal li fl-14 ta’ April, 2010 is-socjeta rikorrenti “... *dahlet fi*

*ftehim ma Keith Azzopardi ghall-bejgh u installazzjoni ta' lift kummerċjali ġewwa stabbiliment ġdid f'Tal-Handaq*" (fol. 15)[1]. Kompla jghid li kemm fit-trattativi ta' qabel il-ftehim u kif ukoll fil-ftehim innifsu, l-istess Keith Azzopardi dejjem wera b'mod car li l-ftehim kien qieghed isir ma' kumpanija bl-isem ta' Paparukei Caterers. Anke l-fatturi kienu johorgu fuq Paparukei Caterers.

Qal ukoll li wara li kien intbaghat l-ahhar *statement*, is-socjeta minnu rappreżentata kienet irċeviet ittra mill-Avukat Edward Gatt li fiha kien indika li kien qieghed jikteb ghan-nom ta' Paparukei Caterers. F'din l-ittra, li ġġib id-data tat-22 ta' Jannar, 2014 (fol. 28) l-imsemmija soċjetà stqarret li kienet qeghda tikkontesta l-ammont reklamat ta' €1,476 rapprezentanti l-installazzjoni ta' *new keb inverter* 5.5 kw u l-prezz tal-*inverter* innifsu peress li l-*lift* kien difettuż.

Kompla jghid li fl-14 ta' Gunju, 2010 l-*lift* gie installat u mghoddi lis-socjeta intimata a sodisfazzjon taghha. Anke l-prezz tal-lift thallas kollu. Qal ukoll li "*... skond klawsola numru tnax (12) tal-conditions of sale (ara dok JM 1), il-lift kellu garanzija ta' sentejn mid-data tal-commissioning b'dan però illi din il-garanzija tiswa biss diment inter alia illi x-xerrej jaghmel 'normal and regular maintenance fuq l-istess lift*" (fol. 16)[2].

Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti qal ukoll li bejn l-1 ta' Settembru, 2011 u l-15 ta' Mejju, 2012 huma gew mghajjta tlettax (13)-il darba mis-socjeta intimata sabiex ikunu jistghu jiġu ndirizzati xi hsarat li gew reġistrati fil-*lift* in kwistjoni. Qal li "*tista tghid fil-kazijiet kollha l-kawza ta' dawn il-faults kienet*

---

[1] It-*terms and conditions of sale* fl-ewwel parti tieghu jaqra hekk: "*Keith Azzopardi holder of Maltese Identity Card Number (M) who appears hereon, for and on behalf of Paparukei Caterers of (address) Stuart Str, Gzira hereinafter referred to as "the Purchaser"*" (fol. 22).

[2] Klawsola numru tnax (12) tat-*terms and conditions of sale* taqra hekk: "*(12) Without prejudice to the above the Contractor warrants the equipment and installation being sold as free from defect in workmanship and in material for a period of two (2) years from commissioning or thirty (30) months from factory delivery whichever period elapses first. The Contractor warrants that in the event of any defect in material or workmanship being discovered within two (2) years from the issuance of the Engineer's Acceptance Certificate, the Contractor will at his own expense rectify, repair or replace the defective item, provided that where the defect on any particular item is repetitive, the Contractor will immediately replace such item free of charge. This provision shall not apply if the Purchaser fails to carry out normal and regular maintenance; and/or if the damage is due to ordinary wear and tear, willful or accidental damage or any other cause beyond the Contractor's control*" (fol. 24).

*nuqqas ta' maintenance fuq il-lift*" (fol. 16). Zied ighid li minkejja li s-socjeta intimata ma kellhiex *maintenance agreement* maghha u minkejja li l-manutenzjoni tal-*lift* ma kienx qieghed isir, huma kienu wieġbu ghal dawn is-sejhiet kollha fil-pront minghajr ma talbu ċenteżmu. L-addetti tas-socjeta rikorrenti kienu wissew kemm-il darba lid-dirigenti tas-socjeta intimata li n-nuqqas ta' manutenzjoni tal-*lift* kien ser isarraf fi problemi. Minkejja din it-twissija, il-ftehim tal-manutenzjoni baqa ma sarx.

Fis-6 ta' Lulju, 2012, is-socjeta rikorrenti ġiet infurmata li l-*lift* waqaf jahdem u meta l-addetti taghha marru fuq il-post, sabu li l-*inverter* ma kienx qieghed jahdem. Xi ftit tal-granet wara regghu marru fil-post sabiex ikomplu jaghmlu iżjed spezzjonijiet sabiex imbaghad fil-11 ta' Lulju, 2012 saru t-tiswijiet fuq l-*inverter* permezz ta' *reprogramming*. Meta kienu qeghdin isisru dawn it-tiswijiet, l-addetti tas-socjeta rikorrenti kienu infurmaw lil dawk tas-socjeta intimata li x'aktarx kien ser ikollhom bżonn ibiddlu dan l-*inverter*. Dan l-*inverter* baqa jaghti l-problemi sakemm ittiehdet deċiżjoni li jinxtara *inverter* ġdid kif effettivament sar. Fl-24 ta' Awwissu, 2012 twahhal dan l-*inverter*.

Huwa qal ukoll li l-*inverter* kellhu jinxtara mis-socjeta intimata mhux biss ghaliex is-socjeta rikorrenti ma kellha x'taqsam xejn mal-hsarat li kienu qeghdin jiġu riskontrati fil-*lift* iżda anke ghaliex il-garanzija ma kienitx aktar valida minhabba li kien ghadda z-zmien u minhabba l-fatt li ma kienitx qeghda issir il-manutenzjoni neċessarja.

Ghax-xoghol ta' riparazzjoni li kien sar bejn is-6 ta' Lulju, 2012 u d-9 ta' Awwissu, 2012 is-socjeta rikorrenti ma kienitx żammet flus lis-socjeta intimata u kien biss ghax-xoghol li sar fl-24 ta' Awwissu, 2012 u ghall-prezz ta' l-*inverter* li hija talbet il-hlas minghand is-socjeta intimata.

Ghalaq billi qal li wara li huma baghtu l-i*statement* bit-talba ghal hlas, is-socjeta intimata bdiet tallega li l-*lift* kien difettuż u li ma kienet ser thallas xejn mill-ammont mitlub.

4. **Thomas Dimech**, *head technician* fis-socjeta rikorrenti qal li fl-*inverter* oriġinali kien hemm xi hsarat u dan peress li kien hemm xi *faults* fis-sistema tad-dawl. Qal li s-socjeta minnu rappreżentata dejjem irranġat dawn il-hsarat iżda dawn baqghu jippersistu. Qal li s-socjeta rikorrenti ġiet mitluba tordna *inverter* ġdid mis-socjeta intimata u hekk sar. Wara li twahhal dan l-*inverter* il-hsara ssolviet. Is-socjeta intimata kienet obbligat ruhha li thallas ghal dan l-*inverter* ġdid qabel ma ingieb hawn Malta.

5. **Keith Azzopardi** xehed u qal li huwa azzjonista fis-socjeta intimata (Paparukei Catering Limited) filwaqt li huwa direttur fis-socjeta kjamata in kawża (Paparukei II Limited). Kompla jghid li kienet is-socjeta kjamata fil-kawza li nstallat il-lift fil-fabbrika li hija ghandha ġewwa l-*Industrial Estate* f'tal-Handaq. Dan il-*lift*, li huwa *goods lift* u *passenger lift* inxtara ghal prezz ta' €30,000. Qal li minn meta gie installat dan il-*lift*, it-*technicians* tas-socjeta rikorrenti marru madwar ghoxrin (20) darba fil-fabbrika sabiex isewwu l-hsarat li kien qieghed iġġarrab dan il-*lift*. Fost id-difetti li kellhu dan il-*lift* ix-xhud semma l-kaz ta' meta l-*lift* bi bniedem fih u bix-xoghol niżel sular u ma żammx. Kazijiet ohra kienu jirreferu ghal meta l-*lift* ikun waqaf pied l-isfel mill-ewwel sular.

   Qal li l-flejjes li qeghda titlob is-socjeta rikorrenti f'dan il-kaz huwa ghal *inverter* li mar u li "*... ovvjament huwa parti mill-lift*" (fol. 45). Zied ighid li "*... l-inverter mar eżatti kif ghalqet il-garanzija u apparti minn hekk is-socjeta rikorrenti kienet ghamlet xahar u nofs tirrangali f'dan l-invertor oltre li tul dan il-perjodu ovvjament il-lift kien mitfi u ma stajtx nuzah*" (fol. 45).

   Stqarr li l-*lift* illum il-gurnata jahdem ghalkemm l-bibien xi minn daqqiet jehlu. Ix-xhud esebixxa ukoll uhud mill-*job sheets* li kellhu u li thallew mis-socjeta rikorrenti in sostenn ta' dak li huwa semma fix-xhieda tieghu.

Ix-xhud esebixxa ukoll tlett (3) ritratti li juru l-*bumpers* tal-*lift* mghawwga. Din il-*bumper* tghawwget bid-daqqa tal-impatt li ha l-*lift* meta dan baqa nieżel sular b' James Mifsud, impjegat tas-socjeta tieghu. Spjega ukoll li l-*pit* tal-*lift* huwa fil-*basement* u li dan James Mifsud ried jitla mill-*basement* ghal *ground floor*. Meta imbaghad waqa l-*lift* dan waqa mill-*ground floor* ghall-*basement*.

Dwar il-kwistjoni ta' l-*inverter* il-gdid, ix-xhud qal li dan gabitu s-socjeta rikorrenti peress l-*inverter* originali kien spiċċa u ma baqax jahdem. Mistoqsi in kontro-ezami x'kienet ir-raguni l-ghala ma kienitx saret manutenzjoni tal-*lift*, x-xhud qal li "*bejn Gunju elfejn u ghaxra (2010) u Settembru elfejn u hdax (2011) il-lift in kwistjoni ma konniex uzajnih u dan peress li f'dak il-perjodu ahna konna ghadna qed narmaw il-fabbrika taghna ġewwa Hal-Qormi u jekk kien jintuża kien jintuża mill-haddiema li kien ikun hemm qeghdin jarmaw il-fabbrika*" (fol. 62). Qal li "*... ma ghamilnix* [manutenzjoni] *ghaliex il-lift kien ġdid u wiehed ma jippretendix illi jkun hemm maintenance fl-ewwel żmien tieghu* " (fol. 62). Ikkonferma li *maintenance service* qatt ma sar mas-socjeta rikorrenti f'dan il-perjodu hawn imsemmi peress li l-*lift* kien ghadu kopert bil-garanzija ta' sentejn. Qal li "*jiena nippretendi illi la nfaqt tletin elf euro (€30,000) f'dan il-lift ma noqghodx naghmel maintenance tieghu fl-ewwel sentejn, dan huwa lift gdid*" (fol. 62). Ix-xhud wasal ghal konklużjoni li dak kollu li gara f'dan il-*lift* gara minhabba l-*invertor*.

Finalment, meta gie mistoqsi dwar ta' minn kien proprjetà l-*lift* in kwistjoni, huwa qal li dan kien tas-socjeta kjamata fil-kawza Paparukei II Limited minkejja li l-ftehim sar ma' Paparukei Caterers. Qal li ghalih ma taghmilx differenza li l-fattura nharget fuq Paparukei Caterers l-ghaliex il-*lift* gie nstallat fil-fabbrika ta' Paparukei II Limited. Ammetta però li "*il-ftehim gie ffirmat minni ghall-Paparukei Caterers*" (fol. 63). Ghalaq billi qal li "*jiena m'iniex nahrab minn dak illi ghandha taghti s-socjeta Paparukei Catering Limited jew Paparukei Two Limited*" (fol. 63).

6. **James Mifsud**, *cleaner* mas-socjeta kjamata fil-kawza qal li huwa jahdem fil-fabbrika fejn gie installat il-*lift.* Huwa semma meta darba fost l-ohrajn huwa

kien qieghed juża l-*lift* u waqt li dan il-lift kien beda tiela u kważi wasal fis-sular fejn kellhu jieqaf dan baqa nieżel bih b'kollox sa isfel. Ix-xhud ighid li l-*lift* instabat mal-art. Qal "*waqa jiġifieri sular u baqa nieżel fil-pit tieghu li hija l-isfel iktar mis-sular tal-ground floor*" (fol. 59). Dan l-incident sehh madwar sena u nofs qabel ma xehed f'dawn il-proceduri[3].

Ikkunsidra ulterjorment;

7. L-ewwel eċċezzjoni li ghandha tiġi deċiża hija dik imqanqal mis-socjeta intimata Paparukei Caterers Limited u cioe li hija mhiex il-legittimu kontradittur u l-ftehim sehh mas-socjeta Paparukei II Limited. Qal li l-lift gie installat fil-fabbrika ta' Papaureki II Limited, liema soċjetà ġiet eventwalment kjamata fil-kawza. It-tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Keith Azzopardi, rappreżentant tas-socjeta intimata fit-13 ta' Frar, 2014 meta qal li ghalih ma taghmilx differenza li l-fattura nharget fuq Paparukei Caterers l-ghaliex il-*lift* gie nstallat fil-fabbrika ta' Paparukei II Limited. Ammetta però li "*il-ftehim gie ffirmat minni ghall-Paparukei Caterers*" (fol. 63). Ghalaq billi qal li "*jiena m'iniex nahrab minn dak illi ghandha taghti s-socjeta Paparukei Catering Limited jew Paparukei Two Limited*" (fol. 63).Is-socjeta intimata qatt ma gibdet l-attenzjoni tas-socjeta rikorrenti li l-lift kien proprjetà ta' Paparukei II Limited u li l-kuntratt ta' akkwist u l-fatturi kellhom jirriflettu dan. Baqghet siekta. Issa ma tistax tuża din l-iskuza u tghid li l-lift ma jappartjeniex lilha iżda lil Paparukei II Limited. X'jigri bejn is-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza hija res inter alios acta ghas-socjeta rikorrenti li taf biss lis-socjeta intimata. Ghalhekk sewwa ghamlet is-socjeta rikorrenti li harket lis-socjeta intimata Paparukei Caterers Limited ghax lilha biss taf u lis-socjeta kjamata fil-kawza ma tafhiex. In vista ta' dan, it-tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta kjamata fil-kawza ghax kif jirrizulta, din iddahhlet ghal xejn f'din il-kawza.

8. It-tieni eċċezzjoni tas-socjeta intimata hija li t-talbiet ghandhom jiġu michuda stante li l-lift mertu tal-bejgh kien difettuż. Irrizulta li l-lift in kwistjoni kien gie installat mis-socjeta rikorrenti ġewwa fabbrika f'Tal-Handaq nhar l-14 ta'

[3] James Mifsud xehed fit-13 ta' Frar, 2014

Gunju, 2010. Keith Azzopardi jghid li dan il-lift ma kienx beda jintuża mal-ewwel u dan peress li l-fabbrika imsemmija kienet ghadda qed tiġi armata u li jekk intuża dan il-lift, intuża mill-haddiema li kienu qeghdin jiehdu hsieb dawn ix-xogholijiet fl-imsemmija fabbrika. L-istess xhud qal ukoll li huwa ma kienx ghamel ftehim ta' manutenzjoni mas-socjeta rikorrenti l-ghaliex ma ppretendiex li lift li kien ghadu ġdid fjamat ikollu bżonn il-manutenzjoni. Huwa ilmenta ukoll mill-fatt li bdew jinqalghu diversi hsarat f'dan il-lift, liema hsarat is-socjeta rikorrenti kienet qeghda tirranġa peress li l-imsemmi lift kien kopert bil-garanzija ta' sentejn. Kien hemm anke inċident fejn dan il-lift waqa sular b'impjegat tas-socjeta intimata fih, liema impjegat xehed u ikkonferma dan l-episodju. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti qal li l-*inverter* tal-lift beda jsofri minn xi problemi u li s-socjeta minnu rappreżentata kienet qeghda kull darba tmur u taghmel ix-xogholijiet riparatorji fih. Thomas Dimech, *head technician* mas-socjeta rikorrenti qal li fl-*inverter* oriġinali kien hemm xi hsarat u dan peress li kien hemm xi *faults* fis-sistema tad-dawl tas-socjeta intimata. Qal li s-socjeta rikorrenti dejjem irranġat dawn il-hsarat iżda dawn baqghu jippersistu. Sussegwentement is-socjeta rikorrenti ġiet mitluba tordna *inverter* ġdid mis-socjeta intimata u hekk sar. Wara li twahhal dan l-*inverter* il-hsara ssolviet. Dan Thomas Dimech stqarr li s-socjeta intimata kienet obbligat ruhha li thallas ghal dan l-*inverter* ġdid qabel ma ingieb hawn Malta. Is-socjeta intimata però baqghet ma hallsietx ghal dan l-*inverter* l-ghaliex qalet li l-*inverter* il-gdid gabitu s-socjeta rikorrenti peress l-*inverter* originali kien spiċċa u ma baqax jahdem. Qal li l-hsara kollha li kien ġarrab il-lift gara minhabba l-*invertor* originali. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, Joseph Muscat, qal li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda titlob il-hlas minghand is-socjeta intimata ghax-xoghol li sar fl-24 ta' Awwissu, 2012 u ghall-prezz ta' l-*inverter*. Qal li s-socjeta intimata baqghet qatt ma ghamlet ftehim ta' manutenzjoni u b'hekk l-istess soċjetà intimata ma tistax tibbenefika mill-klawsola numru tnax (12) tal-kuntratt ta' akkwist datat 14 ta' April, 2010. Skond il-klawsola numru tnax (12) tat-*terms and conditions of sale* taqra hekk: "*(12) Without prejudice to the above the Contractor warrants the equipment and installation being sold as free from defect in workmanship and in material for a period of two (2) years from commissioning or thirty (30) months from factory delivery whichever period elapses first. The Contractor warrants that in the event of any defect in material or workmanship being discovered within two (2) years from the*

*issuance of the Engineer's Acceptance Certificate, the Contractor will at his own expense rectify, repair or replace the defective item, provided that where the defect on any particular item is repetitive, the Contractor will immediately replace such item free of charge.* ***This provision shall not apply if the Purchaser fails to carry out normal and regular maintenance; and/or if the damage is due to ordinary wear and tear, willful or accidental damage or any other cause beyond the Contractor's control***" (fol. 24) – enfazi tat-Tribunal. Jirrizulta kif diġà inghad li s-socjeta intimata ma iffirmat l-ebda ftehim ta' manutenzjoni mas-socjeta rikorrenti u ghalhekk issa ma tistax tuża l-argument li dan il-lift kellhu l-hsarat u li l-*inverter* oriġinali kellu l-problemi. Kull haġa li tinxtara, anke jekk ġdida jkollha bżonn li jsirilha manutenzjoni. Hekk per eżempju vettura li tinxtara ġdida, wiehed ikun irid jehodha ghal *service* ftit wara li tkun inharget mhux ghax ikollha xi hsarat iżda sabiex isir *checking* ta' l-istess vettura. Dan isir kemm jekk vettura tkun tiswa ftit eluf ta' euro u kemm jekk tkun tiswa ghexieren ta' eluf. Hekk ukoll fil-kaz ta' *lift.* Dan apparti l-kwistjoni li semma l-*head technician* tas-socjeta rikorrenti Thomas Dimech li qal li l-problemi bdew jinholqu f'dan l-inverter minhabba xi *faults* fis-sistema tad-dawl tas-socjeta intimata u li kienet l-istess soċjetà intimata li talbet lis-socjeta rikorrenti sabiex tordna *inverter* gdid. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni tas-socjeta intimata qeghda tiġi michuda.

9. In kwantu ghat-talba tas-socjeta rikorrenti, din tirriżulta li hija fondata u l-ammont reklamat misthoqq.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tas-socjeta intimata Paparukei Caterers Limited fejn hija talbet li tiġi mehlusa mill-gudizzju l-ghaliex mhux il-legittimu kontradittur, qieghed jichad l-kumplament ta' l-eccezzjonijiet taghha in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta kjamata fil-kawza Paparukei II Limited l-ghaliex din ġiet imsejjha inutilment fil-kawza u konsegwentement qieghed jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk qieghed jikkundanna lis-socjeta intimata Paparukei Caterers Limited thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf erba' mija sitta u sebghin euro [€1,476] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru

mid-data tal-fattura u cioe mill-1 ta’ Novembru, 2012 sad-data tal-eventwali hlas.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------